Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0009(COD)

10485/23
ADD 1

CODEC 1094
CORDROGUE 61
SAN 364

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjoni |

## Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneru bħala dak li jipprovdi opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel. Fl-Ungerija, il-ġbir tad-data huwa possibbli biss abbażi tas-sess bijoloġiku. B'riżultat ta' dan, l-Ungerija tinterpreta l-proċess tal-ġbir tad-data f'dan il-kuntest, b'referenza għas-sess bijoloġiku, fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi.